

31996R1749

10.9.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 229/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1749/96**tad-9 ta' Settembru 1996****dwar miżuri ta' implimentazzjoni inizjali għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 t'Ottubru 1995 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5(3) tiegħu,

Billi kull Stat Membru hu mitlub li jipproduċi indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP) li jibda bl-indiċi għal Jannar 1997;

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 jeħtieġ li l-iskop tal-HICP ikunu l-oġġetti u s-servizzi disponibbli għax-xiri fit-territorju ekonomiku ta' l-Istat Membru għal raġunijiet ta' sodisfazzjon b'mod dirett tal-ħtiġijiet tal-konsumatur;

Billi l-kopertura ta' l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur eżistenti li huma pprovduti mill-Istati Membri, prattiċi segwiti għall-inklużjoni ta' oġġetti u servizzi sinifikanti ġodda, proċeduri sabiex jiġu aġġustati l-prezzijiet minħabba tibdil fil-kwalità ta' l-oġġetti pprezzati, metodi sabiex jiġu kombinati prezzijiet sabiex jiġu formati indiċi tal-prezzijiet għal aggregati elementari, jew metodi u prattiċi sabiex jittieħed kampjun u jinkisbu prezzijiet ivarjaw bejn Stati Membri bir-riżultat li l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur li jirriżultaw u li jiġu pprovduti mill-Istati Membri jonqsu li jilhqqu ir-reqwiżit ta' paragunabilità neċessarju għall-produzzjoni tal-HICP;

Billi l-pratika li jintużaw prezzijiet preċedenti bħala sostituti għall-prezzijiet mensili kurrenti tvarja mill-użu tal-prezzijiet miġ-bura tant illi l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur li jirriżultaw u li jiġu pprovduti mill-Istati Membri jonqsu li jilhqqu ir-reqwiżit ta' paragunabilità meħtieġa għall-produzzjoni tal-HICP;

Billi hu meħtieġ li jiġu inklużi oġġetti u servizzi ġodda sinifikanti fiż-żewġ HICP li l-piż tagħhom hu rriwedut kull sena u dawk li l-piż tagħhom huwa aġġornat anqas spiss;

Billi miżuri ta' implimentazzjoni huma neċessarji sabiex tiġi assigurata l-paragunabilità tal-HICP skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95;

Billi b'mod konformi ma' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, il-Kummissjoni (Eurostat) hija mitluba li tissottometti kull rapport lill-Kunsill dwar kemm dawn l-HICP u l-konformità tagħhom huma rekwiżiti ta' paragunabilità ta' min joqgħod fuqhom;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programm ta' l-Istatistika (SPC), imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽²⁾;

Billi l-Istitut Monetarju Ewropew ġie kkonsultat skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 u ta' opinjoni pożittiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

I. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI*L-Artikolu 1***Għan**

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiġi stabbilit għall-iskop tal-produzzjoni ta' indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur komparabbli (HICP) provdut minn kull Stat Membru:

- jiġu koperti inizjalment oġġetti u servizzi kif ukoll prattiċi komparabbli sabiex jiġi aġġornat dak li ġie kopert sabiex jiġu inklużi oġġetti u servizzi sinifikanti ġodda,
- livelli minimi għall-proċeduri ta' aġġustament fil-kwalità,
- livelli minimi għall-prezzijiet użati,
- il-formola għall-kumpilazzjoni ta' indiċi tal-prezzijiet għall-aggregati elementari.

L-għan hu wkoll li jiġi assigurat li t-teħid ta' kampjuni tal-prezzijiet huwa tali li l-HICP huma ta' min joqgħod fuqhom b'mod suffiċjenti għall-iskop ta' paragunabilità internazzjonali u sabiex jipprovdur informazzjoni li minnha jiġu stabbiliti livelli minimi għat-teħid ta' kampjuni.

*L-Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

- (a) *Kopertura inizjali ta' oġġetti u servizzi tal-HICP* hi definita bħala dawk il-kategoriji ta' erba' figuri u sub-kategoriji speċifikati fil-klassifikazzjoni COICOP/HICP (klassifikazzjoni ta' konsum individwali skond l-għan adottat mill-ħtiġijiet tal-HICP) mogħtija fl-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 257, tas-27.10.1995, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

- (b) *Oġġetti u servizzi sinifikanti ġodda* huma definiti bħala dawk l-oġġetti u servizzi li tibdil fil-prezzijiet tagħhom mhuwiex inkluż speċifikament fil-HICP ta' kull Stat Membru u n-nefqa stimata tal-konsumaturi li fuqha saret għall-inqas parti waħda minn elf mill-ispiża koperta minn dik tal-HICP.
- (c) *Tibdil fil-kwalità* jseħħ kull meta l-Istat Membru jiġġudika li tibdil fl-ispeċifikazzjoni irriżulta f'kull differenza sinifikanti fl-utilità lill-konsumatur bejn varjazzjoni ġdida jew mudell ta' kull oġġett jew servizz u kull oġġett jew servizz li kien intgħażel qabel għall-ipprezzar fl-HICP li għalih ġie sostitut. Kull tibdil fil-kwalità ma tiġiex meta jkun hemm revizzjoni komprensiva ta' kampjun tal-HICP.
- (d) *Aġġustament fil-kwalità* hi l-proċedura li tħalli kull lok għal tibdil fil-kwalità billi żżid jew tnaqqas il-prezzijiet osservati kurrenti jew li għalihom hemm riferenza minn fattur jew kull ammont ekwivalenti għall-valur ta' dak it-tibdil fil-kwalità.
- (e) *Kampjun immirat* hu definit bħala s-sett ta' prezzijiet ta' oġġetti u servizzi li l-Istat Membru jippjana li jikseb għall-produzzjoni tal-HICP minn Jannar 1997 jew jippjana għal kull data sussegwenti sabiex jilħaq il-livelli ta' l-Istati Membri stess jew kull livell Ewropew sabiex joqgħod fuqhom jew għal paragonabilità.
- (f) *Prezz osservat* hu prezz li hu fil-fatt ikkonfermat mill-Istati Membri.
- (g) *Prezz stimat* hu kull prezz li hu sostitwit għal kull prezz osservat u li huwa bbażat fuq kull proċedura ta' stima xierqa. Prezzijiet li kienu osservati qabel m'għandhomx jitqiesu bħala prezzijiet stimati jekk ma jistgħux jitqiesu bħala estimi xierqa.
- (h) *Prezz tat-tibdil* hu prezz osservat għal kull oġġett jew servizz li hu meħud bħala kull sostitut dirett għal oġġett jew servizz il-prezz ta' liema kien fil-kampjun immirat.
- (i) *Indiċi elementari aggregat* hu kull indiċi ta' kull prezz aggregat elementari li jinkorpora biss data tal-prezzijiet.
- (j) *Aggregat elementari jirreferi* għall-ispiża jew konsum kopert mill-livell l-aktar dettaljat ta' l-istrati tal-HICP u li fihom informazzjoni ta' l-ispiża li hi ta' min joqgħod fuqha mhi-jiex disponibbli għal skopijiet ta' peżar.
- (k) *It-teħid ta' kampjuni* jirreferi għal kull proċedura fil-kostruzzjoni tal-HICP meta kull subgrupp tal-popolazzjoni tal-prezzijiet li l-konsumaturi jħabbtu wiċċhom magħhom hu użat sabiex jiġi stimat it-tibdil fil-prezz għal kull kategorija ta' l-oġġetti u s-servizzi koperti mill-HICP.
- (l) *L-affidabilità* għandha tiġi stimata skond "il-preċiżjoni" li tirreferi għall-iskala ta' żball fit-teħid ta' kampjuni u "rap-Preżentazzjoni" li tirreferi għan-nuqqas ta' preġudizzju.

II. MIŻURI LI JIŻGURAW LI L-HICP HUMA KOMPARABBLI, TA' MIN JOQGĦOD FUQHOM U RELEVANTI

L-Artikolu 3

Kopertura inizjali

L-HICP li jinkludu indiċi tal-prezzijiet u l-pizzijiet għal kull kategorija mogħtija fl-Anness I li jkopru aktar minn parti waħda f'elf ta' l-ispiża totali koperta minn dawn il-kategoriji kollha, għandhom jitqiesu li huma komparabbli.

L-Artikolu 4

Oġġetti u servizzi sinifikanti ġodda

L-Istati Membri għandhom:

- b'mod sistematiku jfittxu li jidentifikaw oġġetti u servizzi sinifikanti ġodda u
- jiċċekkjaw il-valur ta' oġġetti u servizzi rapportati li huma sinifikattivi ġodda fi Stati Membri oħra.

L-HICP għandu jiġi miġbur b'mod li jkopri it-tibdiliet fil-prezz ta' kull oġġett jew servizz sinifikattiv ġdid, fejn l-oġġett jew is-servizz ġie stimat bħala wieħed li jkopri d-definizzjoni fl-Artikolu 2(b). Dan għandu jsir fi żmien 12-il xahar mill-identifikazzjoni tagħhom jew billi jiġu aġġustati l-pizzijiet ta' jew għal-kategorija relevanti tal-klassifikazzjoni tal-COICOP/HICP mogħtija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jew billi jiġi assenjat parti mill-piż speċifikament lill-oġġett jew servizz sinifikattiv ġdid.

L-Artikolu 5

Livelli minimi għall-proċeduri ta' aġġustament fil-kwalità

1. Diversi HICP li għalihom aġġustamenti ta' kwalità xierqa huma magħmula għandhom jitqiesu li jkunu komparabbli. Meta jsiru tibdiliet fil-kwalità, l-Istati Membri għandhom joħlqu indiċi tal-prezzijiet billi jagħmlu aġġustamenti fil-kwalità xierqa bbażati fuq estimi espliċiti tal-valur tat-tibdil fil-kwalità. Fin-nuqqas ta' estimi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jużaw estimi bbażati fuq informazzjoni provduta mill-Kummissjoni (Eurostat) meta dawn huma disponibbli u rilevanti.

2. Meta m'hemmx estimi disponibbli, bidliet fil-prezz għandhom ikunu kalkolati bħala d-differenza bejn il-prezz tas-sostitut magħżul u dak ta' l-oġġett li ssostitwixxa. Fl-ebda ħin m'għandu kull tibdil fil-kwalità tiġi stimata bħala d-differenza sħiħa fil-prezz bejn iż-żewġ oġġetti, kemm-il darba din ma tis-tax tiġi ġġustifikata bħala kull stima xierqa. Meta għandhom jsiru sostituzzjonijiet wara li oġġetti u servizzi ikunu ġew offruti bi prezzijiet imraħħsa, dawk is-sostituti għandhom jin-tagħżlu b'mod konformi max-xebh ta' l-użu tagħhom għall-konsumatur u mhux skond ix-xebh fil-prezz.

L-Artikolu 6

Livelli minimi għall-prezzijiet

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu HICPs billi jużaw il-prezzijiet osservati tal-kampjun immirat.

- (a) Meta il-kampjun immirat jeħtieġ osservazzjoni kull xahar, iżda jkun hemm nuqqas ta' osservazzjoni minħabba in-nuqqas ta' kull oġġett jew għal kull raġuni oħra, prezzijiet stimati jistgħu jintużaw għall-ewwel jew it-tieni xahar iżda prezzijiet ta' sostituzzjoni għandhom jintużaw mit-tielet xahar.
- (b) Meta, b'mod eċċezzjonali, il-kampjun immirat jirrikjedi osservazzjonijiet inqas frekwenti minn mensili, prezzijiet stimati għandhom jintużaw għal dawk ix-xhur fejn prezzijiet ta' osservazzjoni mhumiex meħtieġa. Prezzijiet stimati jistgħu jintużaw ukoll fl-ewwel okkażjoni meta ma jkunx hemm osservazzjoni tal-prezz. Meta ma jkunx hemm osservazzjoni għat-tieni darba konsekuttiva, prezzijiet ta' sostituzzjoni għandhom jintużaw.

2. Meta, fiċ-ċirkustanzi li għalihom saret referenza f'dan l-Artikolu, prezzijiet ta' sostituzzjoni ma jkunux disponibbli, prezzijiet stimati jistgħu jibqgħu jintużaw, kemm-il darba l-użu tagħhom hu limitat għal kull livell adatt sabiex tinkiseb paragnabilità.

L-Artikolu 7

Indiċi tal-prezzijiet għal aggregati elementari

L-HICP għandhom jinġabru billi tintuża waħda miż-żewġ formoli mogħtija fil-paragrafu 1 ta' l-Anness II għal dan ir-Regolament jew kull formola komparabbli alternattiva li ma tirriżultax f'kull indiċi li huwa differenti b'mod sistematiku minn kull indiċi miġbur permezz ta' waħda mill-formoli mogħtija b'aktar minn parti waħda minn għaxra ta' punt wieħed persentaġġ fuq medja ta' sena meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

L-Artikolu 8

Livelli minimi għall-kampjuni

HICPs li huma maħluqa minn kampjuni mmirati li, għal kull kategorija ta' COICOP/HICP u meta jittieħed inkonsiderazzjoni il-piż tal-kategorija, għandhom aggregati elementari suffiċjenti sabiex jirrappreżentaw id-diversità ta' l-oġġetti fil-kategorija u prezzijiet suffiċjenti f'kull aggregat elementari sabiex tittieħed inkonsiderazzjoni il-varjazzjoni fil-prezzijiet fil-popolazzjoni għandhom jitqiesu bħala ta' min joqgħod fuqhom u komparabbli.

L-Artikolu 9

Kontroll tal-kwalità

L-Istati Membri għandhom:

- (a) jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha b'informazzjoni dwar in-nefqa ta' kull esklużjoni li mhumiex koperti, ddikjarat bħala proporzjon ta' l-ispiża totali koperta mill-HICP suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-konformità ma' dan ir-Regolament;
- (b) jirrapurtaw lill-Kummissjoni (Eurostat) oġġetti u servizzi ġodda sinifikanti meta jkunu identifikati u, jekk meħtieġ, il-bażi għan-nuqqas ta' inklużjoni ta' kull oġġett jew servizz sinifikanti għid suffiċjenti sabiex tiġi evalwata il-konformità ma' dan ir-Regolament;
- (c) jissorveljaw l-inċidenza ta' bidiliet fil-kwalità u l-aġġustamenti magħmula b'mod suffiċjenti sabiex juru konformità ma' dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha b'din l-informazzjoni;
- (d) iwaqqfu u jżommu kull prospett ċar tal-kampjun immirat u għandhom jagħmlu kontrolli ta' osservazzjoni tal-prezz u estimi tal-prezzijiet suffiċjenti sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha b' din l-informazzjoni sabiex tiġi evalwata u assigurata il-konformità;
- (e) meta tiġi użata kull formola li hi differenti mill-formoli mogħtija fil-paragrafu 1 ta' l-Anness II għal dan ir-Regolament, jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha b'informazzjoni dwar l-effetti li tiġi użata dik il-formola alternattiva għal perijodi magħżula u aggregati elementari magħżula suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-konformità ma' dan ir-Regolament;
- (f) jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha b'dettalji tal-kampjuni mmirati suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-konformità ma' dan ir-Regolament u statistika sommarja tar-rappreżentattività u l-preċiżjoni tal-kampjuni suffiċjenti għall-Kummissjoni (Eurostat) sabiex tagħmel proposti għal livelli minimi ta' standards għat-teħid ta' kampjuni għall-inklużjoni fir-Reviżjoni tal-HICP meħtieġa taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 li għandha ssir f'Ottubru 1997.

III. DISPOŻIZZJONIET FINALI

L-Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 għurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni
Yves-Thibault DE SILGUY
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Il-varjetà inizjali ta' oġġetti u servizzi tal-HICP għandha tinkludi il-kategoriji u s-sotto-kategoriji li ġejjin:

Kodiċi	Intestatura COICOP/HICP
01.	IKEL U XORB MHUX ALKOĦOLIKU
01.1.	Ikel
01.1.1	Ħobż u Ċereali
01.1.2	Laħam
01.1.3	Ħut
01.1.4	Ħalib, ġobon u bajd
01.1.5	Żjut u xaħmijiet
01.1.6	Frott
01.1.7	Ħaxix inkluż patata u tuberi oħra
01.1.8	Zokkor, ġamm, għasel, xiropi, ċikkulata u ħelu
01.1.9	Prodotti ta' l-ikel m.i.b.
01.2	Xorb mhux alkoħoliku
01.2.1	Kafé, te u kawkaw
01.2.2	Ilma minerali, soft drinks, u juices
02.	XORB ALKOĦOLIKU U TABAKK
02.1	Xorb alkoħoliku
02.1.1.	Spirti
02.1.2	Inbid
02.1.3	Birra
02.1.4	Tabakk
02.1.5	Tabakk
03.	ĦWEJJEĠ U ŻRABEN
03.1	Ħwejjeġ
03.1.1	Materjal tal-ħwejjeġ
03.1.2	Ilbiesi
03.1.3	Oġġetti oħra ta' l-ilbies u aċċessorji ta' l-ilbies
03.1.4	Dry cleaning, tiswija u kiri tal-ħwejjeġ
03.2	Żraben
03.2.1	Żraben u lbies ieħor tas-saqajn
03.2.2	Manutenzjoni, tiswija u kiri taż-żraben
04.	ABITAZZJONI, ILMA, DAWL, GASS U KARBURANTI OĦRA
04.1	Kiri attwali ta' djar
04.1.1	Kirjiet attwali mħallsin mill-inkwilini
04.1.2	Kirjiet attwali oħrajn
04.3	Mantenuzzjoni u tiswijiet regolari ta' l-abitazzjoni
04.3.1	Prodotti għall-mantenuzzjoni u tiswija regolari ta' l-abitazzjoni
04.3.2	Servizzi għall-manutenzjoni u tiswija regolari ta' l-abitazzjoni
04.4	Servizzi oħra relatati ma' l-abitazzjoni
04.4.1A	Ġbir ta' l-iskart — il-konsumatur iħallas skond il-konsum
04.4.2A	Servizzi tad-drenaġġ- il-konsumatur iħallas skond il-konsum
04.4.3A	Ilma — il-konsumatur iħallas skond il-konsum
04.4.4	Servizzi oħra relatati mal-abitazzjoni m.i.b.
04.5	Dawl, gass u karburanti oħra
04.5.1	Dawl
04.5.2	Gass
04.5.3	Karburanti likwidi

Kodiċi	Intestatura COICOP/HICP
04.5.4	Karburanti solidi
04.5.5	Ilma sħun, fwar ta' l-ilma, silġ
05.	GĦAMARA, TAGĦMIR TAD-DAR U MANUTENZJONI ORDINARJA TAD-DAR
05.1	Għamara, tagħmir u dekorazzjonijiet, twapet, u koperturi oħra ta' l-art u tiswijiet
05.5.1	Għamara u tagħmir
05.1.2	Twapet u koperturi oħra ta' l-art
05.1.3	Tiswijiet ta' għamara, tagħmir u koperturi ta' l-art
05.2	Tessuti tad-dar
05.2.1	Tessuti tad-dar
05.3	Tagħmir tas-sħana u tisjir, friġġijiet, makni tal-ħasil u kull tagħmir ieħor kbir tad-dar, inkluż fittings u tiswijiet
05.3.1	Tagħmir kbir tad-dar, kemm jekk ta' l-elettriku kif ukoll jekk le
05.3.2	Tagħmir żgħir ta' l-elettriku tad-dar
05.3.3	Tiswija ta' tagħmir tad-dar
05.4	Oġġetti tal-ħġieġ, tal-mejda u għodda tad-dar
05.4.1	Oġġetti tal-ħġieġ, tal-mejda u għodda tad-dar
05.5	Għodda u tagħmir għad-dar u għall-ġnien
05.5.1	Għodda u tagħmir kbir
05.5.2	Għodda żgħira u aċċessorji mixxellanji
05.6	Prodotti u servizzi għat-tiswija ordinarja tad-dar
05.6.1	Oġġetti tad-dar mhux li jibqgħu
05.6.2	Servizzi domestiċi u servizzi għaż-żamma tad-dar
06.	SAĦĦĦA — prodotti mħallsa mill-konsumatur u mhux rimborsati
06.1A	Prodotti mediċi u farmaċewtiċi u tagħmir u apparat terapewtiku — imħallas mill-konsumatur u mhux rimborsati
06.1.1A	Preparazzjonijiet u prodotti farmaċewtiċi — imħallas mill-konsumatur u mhux rimborsati
06.1.2A	Prodotti oħra mediċi — mħallsa mill-konsumatur u mhux rimborsati
06.1.3A	Tagħmir u apparat terapewtiku — mħallsa mill-konsumatur u mhux rimborsati
07.	TRANSPORT
07.1	Xiri ta' vetturi
07.1.1A	Karozzi ġodda
07.1.1B	Karozzi second hand
07.1.2	Muturi
07.1.3	Roti
07.2	Tħaddim ta' tagħmir ta' trasport personali
07.2.1	Spare parts u aċċessorji
07.2.2	Karburanti u lubrikanti
07.2.3	Manutenzjoni u tiswija
07.2.4	Servizzi oħra dwar tagħmir ta' trasport personali — użu ta' konvenzjonijiet ESA (⁽¹⁾)
07.3	Servizzi ta' trasport
07.3.1	Trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija
07.3.2	Trasport tal-passiġġieri fit-triq
07.3.3	Trasport tal-passiġġieri bl-ajru
07.3.4	Trasport tal-passiġġieri bil-baħar u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni
07.3.5	Servizzi oħra ta' trasport mixtrija
08.	KOMUNIKAZZJONIJET
08.1	Komunikazzjonijiet
08.1.1	Servizz postali
08.1.2	Tagħmir tat-telefon u telefax
08.1.3	Servizzi ta' telefon, telegrafu u telefax

Kodiċi	Intestatura COICOP/HICP
09.	RIKREAZZJONI U KULTURA
09.1	Tagħmir u aċċessorji inkluż tiswijiet
09.1.1	Tagħmir għar-reċezzjoni, rekordjar u riproduzzjoni ta' ħsejjes u stampi
09.1.2	Tagħmir fotografiku u ċinematografiku u strumenti ottiċi
09.1.3	Tagħmir għall-ipproċessar tad-data
09.1.4	Oġġetti kbar oħra li jservu għar-rikreazzjoni u kultura
09.1.5	Logħob, ġugarelli u passatempj, tagħmir għall-isport, kampeġġ u rikreazzjoni fil-miftuħ
09.1.6	Mezzi ta' reġistrazzjoni ta' stampi u ħsejjes
09.1.7	Ġardinar
09.1.8	Animali domestiċi
09.1.9	Tiswija ta' tagħmir u aċċessorji għar-rikreazzjoni u l-kultura
09.2	Servizzi rikreazzjonali u kulturali
09.2.1	Servizzi kulturali u rikreazzjonali għall-gruppi
09.2.2	Servizzi kulturali u rikreazzjonali oħrajn
09.3	Gazzetti, kotba u stationery
09.3.1	Kotba
09.3.2	Gazzetti u perjodiċi
09.3.3	Oġġetti stampati mixxellanji
09.3.4	Stationery u materja għat-tpiġġ
09.4	Vaganzi bbukkjati — eskluż assigurazzjoni għall-ivvjaġġar
09.4.1	Vaganzi bbukkjati — eskluż assigurazzjoni għall-ivvjaġġar
10.	EDUKAZZJONI — ġeneralment imħallsa mill-konsumaturi fl-Istati Membri
11.	LUKANDI, KAFETERIJI U RISTORANTI
11.1	Forniment ta' l-oġġetti ta' l-ikel
11.1.1	Ristoranti u kafeteriji
11.1.2	Canteens
11.2	Servizzi ta' akkomodazzjoni — fl-Istat Membru
11.2.1	Servizzi ta' akkomodazzjoni — fl-Istat Membru
12.	PRODOTTI U SERVIZZI MIXXELLANJI
12.1	Kura personali
12.1.1	Salons tax-xaġħar u stabbilimenti għall-kura personali
12.1.2.	Tagħmir, oġġetti u prodotti għall-kura personali
12.2	Effetti personali m.i.b.
12.2.1	Ġojjellerija, arloġġi u arloġġi ta' l-idejn
12.2.2	Effetti personali oħra
12.4A	Assigurazzjoni
12.4.2A	Assigurazzjoni relatata ma' l-abitazzjoni — assigurazzjoni tal-kontenut
12.4.4A	Assigurazzjoni relatata mat-trasport — assigurazzjoni tal-karozza — eskluż assigurazzjoni ta' l-ivvjaġġar
12.5A	Servizzi bankarji m.i.b. — esklużi ħlas ta' interessi u tariffi mfissra bħala proporzjon tal-valur ta' l-operazzjoni
12.5.1 A	Servizzi bankarji m.i.b. — esklużi ħlas ta' interessi u tariffi mfissra bħala proporzjon tal-valur ta' l-operazzjoni
12.6	Servizzi oħra m.i.b.
12.6.1	Servizzi oħra m.i.b.

(¹) Sistema Ewropea tal-kontijiet, ESA 1995.

L-ANNEX II

Formuli li għandhom jintużaw fil-kompilazzjoni ta' aggregati elementari

1. Meta tkun qed issir kumpilazzjoni ta' indiċi tal-prezzijiet għal aggregati elementari jew għall-proporzjon ta' prezzijiet medji aritmetikali jew

$$\frac{1}{n} \sum p^t$$

$$\frac{1}{n} \sum p^b$$

il-proporzjon ta' prezzijiet medji ġeometriċi

$$\frac{[\prod p^t]^{1/n}}{[\prod p^b]^{1/n}}$$

, meta p^t hu l-prezz kurrenti, p^b il-prezz ta' riferenza u n in-numru ta' dawn il-prezzijiet fl-aggregat elementari, għandhom jintużaw. Formula alternattiva tista' tintuża kemm-il darba teżawrixxi ir-reqwizit ta' paragunabilità mniżżla fl-Artikolu 7.

2. L-aritmetika medja ta' prezzijiet relattivi t

$$\frac{1}{n} \sum \frac{p^t}{p^b}$$

m'għandhiex tintuża normalment, minħabba li f'hafta ċirkustanzi dan jirriżulta f'nuqqas li jintlaħaq ir-reqwizit ta' paragunabilità. Jista' jintuża b'mod eċċezzjonali meta jista' jintwera li ma jonqosx mir-reqwizit ta' paragunabilità.

3. L-indiċi tal-prezzijiet għal aggregat elementari jista' jiġi kkalkulat b'hafta kull katina ta' indiċi bl-użu ta' wieħed miż-żewġ formuli preferuti hawn fuq. Per eżempju bl-użu tal-proporzjoni ta' medji aritmetiku:

$$I^{tb} = \frac{\sum_{i \in s_b} P_i^1}{\sum_{i \in s_b} P_i^b} \cdot \frac{\sum_{i \in s_1} P_i^2}{\sum_{i \in s_1} P_i^1} \cdot \dots \cdot \frac{\sum_{i \in s_t} P_i^t}{\sum_{i \in s_t} P_i^{t-1}}$$

meta P_i f'isser il-kwota ta' prezz i^{th} għal aggregat elementari mogħti f'perijodu t u s_t ifisser il-kampjun ta' prezzijiet miksuba għall-aggregat elementari fil-perijodu t . Dan il-kampjun jista' fil-prattika jiġi aġġornat mensilment jew, aktar ġeneralment, meta l-prezzijiet ma' jistgħux jinkisbu, fuq perijodi itwal. Jekk bejn il-perijodu bażi b u perijodu t m'hemm l-ebda milja I^{tb} a szántani átlagok egyszer^{1/2}51 aránya:

$$I^{tb} = \frac{\sum_{i \in s_b} P_i^t}{\sum_{i \in s_b} P_i^b}$$

il-proporzjon sempliċi aritmetiku medju (jew b'hafta-formola ġeometrika deskritta hawn fuq). L-aritmetika medja tar-relattività tal-prezz m'għandhiex tintuża fejn tiffirma katina b'mod aktar frekwenti minn kull sena.